*Messaġġ mis-Segretarju Finanzjarju*



Is-Sur Anthony Schembri



# Nikbru u Nissaħħu

Għaddiet sena oħra u erġajna wasalna biex niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina. Kienet sena li għaddiet f'ħakka t'għajn u dan għaliex kienet mimlija b'ħafna impenji fi ħdan is-Soċjetà tagħna li tant hi għal qalbna.

L-Għaqda tagħna baqgħet miexja 'l quddiem, sena wara l-oħra. Qatt ma waqafna, imma bqajna għaddejjin naħdmu biex inkomplu nikbru u nissaħħu. Biex dan jkun possibbli, is-Soċjetà tagħna għandha bżonn ħafna flus kemm biex torganizza attivitajiet u kif ukoll għall-manutenzjoni li jirrikjedi każin bħal tagħna.

Għall-grazzja t'Alla, dejjem sibna lil min jgħinna fejn għandhom x'jaqsmu finanzi u kif ukoll xogħol volontarju. Ta' dan nixtieq nirringrazzja lill-membri u l-benefatturi kollha li l-għajnuna tagħhom hija ferm apprezzata.

Fost l-attivitajiet li ilna ntellgħu għal diversi snin hija x-xandir tal-festa dirett fuq l-*internet*. Din tiġi apprezzata ħafna kemm mill-anzjani, li għal raġunijiet ta' saħħa ma jkunux jistgħu joħorġu mid-dar u kif ukoll minn ħutna l-emigranti li jsegwu minn kull tarf tad-dinja, speċjalment mill-Awstralja u l-Amerika, fejn l-aktar hemm emigranti Melleħin. Ta' dan nixtieq nirringrazzja lill-i*sponsors* ta' din l-attività li tant tirrikjedi finanzi.

Attività oħra li tinvolvi diversi spejjeż huma l-programmi tal-banda ta' matul is-sena. F'dawn għandek l-ispejjeż tal-bandisti barranin li matul iż-żmien dejjem jogħlew. Hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk il-bandisti li jattendu għall-kunċerti u s-servizzi li l-banda tagħmel regolarment. Ninsab ċert li qegħdin jagħmlu sagrifiċċji kbar, meta tqis il-ħajja mgħaġġla tal-lum. Nixtieq nagħmel ukoll appell lil dawk il-bandisti l-oħra inqas attivi, sabiex jagħmlu l-almu tagħhom u jattendu bħalma jagħmlu shabhom. Il-ftit ta' ħafna nies jagħmel differenza kbira. Għalhekk b'daqsxejn iktar sens ta' responsabbiltà mingħand kulħadd, inkunu qed nagħmlu investiment kbir fil-futur tal-banda tagħna. Barra minn hekk l-ispejjeż li niffrankaw mill-bandisti barranin inkunu nistgħu ninvestuhom f'affarijiet oħra għal ġid tas-Soċjetà tagħna.

Fl-aħħar nett nixtieq niżżi ħajr lil kull min b'xi mod jew ieħor jgħinna biex inkunu nistgħu norganizzaw attivitajiet kulturali u edukattivi b'riżq il-komunità Mellieħija kollha. Grazzi wkoll lill-poplu Mellieħi kollu tal-ġenerożità tiegħu matul is-sena.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**





Tel: 2152 4547 (home), 2157 8817 (farm)
Mob: 9947 7427

**DAILY FRESH IS BEST**

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

**Specially in Mellieħa**